



Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja

L-UE tilqa' u tappoġġa kompletament il-Ftehim Politiku Libjan li ġie ppreżentat mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġeneral tan-Nazzjonijiet Uniti, Bernardino Leon, lid-delegati Libjani fi Skhirat fit-8 ta' Ottubru. Hija tesprimi l-apprezzament tagħha lil dawk kollha li taw sehem kostruttiv fin-negożjati tul bosta xhur, u wrew sens ta' responsabbiltà u tmexxja. Bl-istess mod, tilqa' b'sodisfazzjon in-nomina ta' persuni f'karigi għoljin fil-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali l-ġdid, li issa ser ikollhom ir-responsabbiltà li jiffurmaw kabinett u li jissorveljaw l-implimentazzjoni rapida tal-ftehim.

L-UE tappella lill-partijiet Libjani kollha biex japprovaw malajr u jappoġġaw dan il-ftehim sabiex il-Libja tkun tista' taqbad it-triq tal-paċi u l-prosperità. Dan huwa l-uniku mod kif jistgħu jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tal-poplu Libjan. L-UE tirrikonoxxi li dan ser ikun l-ewwel pass importanti biex il-Libja terġa' lura fit-triq lejn tranżizzjoni paċifika, iżda huwa essenzjali li dan il-pass jittieħed issa. Dawk li tiġihom it-tentazzjoni li jfixxlu dan il-ftehim ser jinżammu responsabbli.

L-UE lesta li taħdem fi sħubija mill-qrib mal-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali l-ġdid, ladarba jkun iffurmat, biex toffri appoġġ minnufih u sostanzjali f'għadd ta' oqsma differenti ddefiniti flimkien mal-awtoritajiet Libjani.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press